MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-12 ta' Mejju, 2009

Numru. 458/2009

Il-Pulizija
(Sp James Grech)
vs
Sarah Zammit, bint Anthony, imwielda Pieta' fid-19 ta' Jannar, 1991

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputata talli fit-8 ta' Mejju, 2009 għal ħabta tal-12.15 p.m. ġewwa l-bini tal-Qorti, Valletta:
1. ikkomettiet serq ta' mobile phone, tal-marka Nokia, ta' valur ta' iktar minn €232.94 iżda anqas minn €2,329.37 liema serq hu aggravate bil-valur, għad-dannu ta' Rachel Caruana, detentriċi tal-karta ta' identita' bin-numru 373683M;
2. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkoatnżi xjentement laqgħet għandha jew xtrat ħwejjeġ misruqa, meħuda

b'qerq, jew akkwistati b'reat u cioe' mobile phone tal-marka Nokia, tal-valur ta' aktar minn €232.94 iżda anqas minn €2,329.37 jew xjentement, b'kull mod indaħlet biex tbiegħhom jew tmexxihom;

3. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkoatnżi Sarah Zammit assoċjat ruħha ma Bruce Xuereb, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 145086M, bil-għan li jagħmlu delitt;

4. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkoatnżi xjentment għenet jew assistit lil Bruce Xuereb fl-atti li bihom id-delitt ġie ppreparat jew ikkunsmat;

5. talli kisret diversi kondizzjonijiet mposti fuqha mill-Qorti tal-Maġistrati ta' Malta b'sentenżi tat-30 ta' Awwissu, 2008, tat-30 ta' Novembru, 2008 u tat-2 ta' Marzu, 2009;

6. talli saret reċidiva b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati ta' Malta tat-28 ta' Novembru, 2006 liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mħassra.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tat-12 ta' Mejju, 2009 fejn l-imputata ammettiet l-akkużi miġjuba kontra tagħha.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukata ta' l-imputata dwar il-piena.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputata ħatja tat-tieni akkuża miġjuba kontra tagħha u għalhekk tilliberaha minn tali akkuża. Issibha ħatja tal-akkużi l-oħra kollha. Rat l-artikoli 49, 50, 261(ċ), 267, 279(a), 48A tal-Kodiċi Kriminali u l-artikolu 21 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta u tikkundannaha għal piena ta' sentejn priġunerija. Minħabba l-fatt li l-imputata hi dipendenti fuq id-droga iżda uriet ir-rieda li teħles minn dan il-vizzju, tirrakomanda lid-Direttur tal-Faċilita' Korrettiva ta' Corradino biex jintrodċji lill-istess imputata f'programm immirat għar-riabiltazzjoni tagħha kontra dan il-vizzju.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------